# KUNSILL LOKALI IL-QRENDI

**7, Triq il-Knisja, Il-Qrendi**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

## ID-DISA’ LEĠISLATURA

**LAQGĦA NUMRU 19**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu nhar li jinsab fi Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tlieta, 11 ta’ Novembru, 2025, fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

David Michael Schembri – Sindku

Anthea Sacco – Vici Sindku

Marion Parnis – Kunsillier

Karmenu Farrugia – Kunsilier

Nina Skye Briffa – Kunsillier

**ASSENTI SKUŻAT:**

**UFFICJAL PREŻENTI:**

Rachel Aquilina – Segretarju Eżekuttiv

**19.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

19.01.01 Il-membri kollha kien preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**19.02 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta numru tmintax (18)**

19.02.01 Il-minuti tas-seduta numru 18, li kienu mibgħuta mal-Aġenda, ġew meqjusa bħala moqrija.

19.02.02 Fuq talba ta' Marion Parnis kien hemm qbil li, f'minuta 18.05.16, l-isem Marion Parnis kellu jinbidel għal Karmenu Farrugia.

19.02.03 Il-minuti tal-laqgħa 18 gew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**19.03 Klanjec, Kroazja**

19.03.01 Dwar il-ġemellaġġ li hemm il-ħsieb li jsir ma' Klanjec, is-Sindku, David M Schembri, qal li kien hemm diffikulta' jekk nistiednuhomx f'Mejju jew f'Ġunju peress li se jkun limitat fid-dispożizzjoni tiegħu. Karmenu Farrugia qal li kien intqal li nistiednuhom fil-perjodu tal-Festival tal-Patata. Sar qbil li nistiednuhom għal Ġunju.

19.03.02 Is-Sindku żied li għandna nistiednu 4 rappreżentanti għal 3 jew 4 t'ijiem kif konna ġejna mistiedna aħna. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ispejjeż ser jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill peress li għadu fil-proċess ta' familjarizazzjoni.

**19.04 Milied fil-Qrendi**

19.04.01 Rigward 'Milied fil-Qrendi', Anthea Sacco nfurmat lill-Kunsill li din l-attivita' ser issir fit-13 ta' Diċembru, filgħaxija, f'Misraħ Santa Marija. Qalet ukoll li kellha laqgħa mal-każini biex ikun hemm koordinazzjoni u li ser jitwaħħlu 2 posters bħala promozzjoni. Anthea qalet ukoll li ser jieħu sehem il-kantant Gianluca flimkien mal-familja tiegħu.

19.04.02 Anthea Sacco qalet li qed jintlaqaw l-applikazzjonijiet għall-armar ta' stalls u sar qbil li m'għandux isir ħlas għall-permessi minn applikanti li ser jarmaw mhux bi skop ta' qliegħ bħal per eżempju l-iskola Helen Keller.

19.04.03 Anthea Sacco semmiet ir-restawr tal-istatwa ta' Santu Rokku li qiegħda eżatt fejn ser issir l-attivita'. Is-Sindku qal li hu ma kienx infurmat li dan ix-xogħol ser jinbeda u li ser jitlobhom li dan ir-restawr jitlesta sat-13 ta' Diċembru.

19.04.04 Is-Sindku semma' wkoll li kien ġie nfurmat li ser jinbeda x-xogħol ta' pavimentar ta' Sqaq Lourdes u li talab lill-kuntrattur biex dan jinbeda wara l-festi.

19.04.05 Anthea Sacco talbet kjarifika fir-rigward tal-iskema u l-fondi li kellhom jiġu utilizzati għal 'Milied fil-Qrendi' peress li ma kienx hemm qbil ma' dak li kien

qed jintqal mir-Reġjun. Is-Sindku qal li dan kien żball min-naħa tiegħu u li l-problema ġiet solvuta.

19.04.06 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-fondi mill-iskema tar-Reġjun li ġew allokati għal-launching tal-ktieb mhux ser ikunu jistaw jintużaw għax il-ktieb mhux se jilħaq ikun lest qabel l-aħħar tas-sena.

19.04.07 Is-Sindku semma li kellu talba biex il-Kunsill jisponsorja wirja ta' karozzi ta' Die Cast Models, li kienet ser tiswa €4,000 u ppropona li, biex dawn il-fondi ma jintilfux, il-Kunsill jagħti sponsor ta' €3,000 lil din l-Għaqda u l-€1,000 li jibqa', jintużaw għad-diskrepanza fl-ispiża tal-ktieb.

Il-Kunsill ma qabilx li dawn jingħataw dan l-ammont u ġie deċiż li nitolbu lir-Reġjun li l-€4,000 jiġu utilizzati hekk; €1,000 għad-diskrepanza tal-ispejjeż tal-istampar tal-ktieb, €1,000 jingħataw lid-Die Cast u l-kumplament jintużaw għal 'Milied fil-Qrendi'. Is-SE kellha titlob l-approvazzjoni mir-Reġjun.

## 19.05 Dwal tal-Milied

19.05.01 Karmenu Farrugia qal li flimkien ma' Anthea ltaqaw ma' tal-kazini u li kienu ser jarmaw l-arbli u l-fustuni fiż-żona tal-Warda u fejn il-Monument. Qal ukoll li sar ftehiem ma' kuntrattur biex jiżdied id-dawl minn fejn il-Monument tat-tfal sal-Knisja kif ukoll fl-inħawi tal-Każin tal-Labour u ta' Lourdes. Hu qal li t-target hi li sal-1 ta' Diċembru jinxteghel d-dawl kollu.

19.05.02 Anthea Sacco proponiet l-armar ta' trombi bid-diski tal-Milied u qalet li ġabet kwotazzjoni għall-12-il tromba u li kienu ser jiġu jiswew €850 VAT eskluż. Is-Sindku qal li fi snin preċedenti kien irċieva diversi lmenti mir-residenti. Karmenu Farrugia ppropona li għandna nippruvaw nagħmluhom u li għandhom jindaqqu mid-9am sa nofsinhar u mill-4pm sat-8pm. Il-Kunsill qabel u s-Sindku ppropona li jitħallsu minn skema tar-Reġjun.

## 19.06 Talba għall-tibdil ta' ismijiet tat-toroq

19.06.01 Is-Sindku semma' talba li rċivejna biex jinbidlu l-ismijiet ta' 2 toroq biex dawn jissemmew għal Daniel Farrugia u Carmel Falzon, 2 ex-Sindki tal-Qrendi. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li jinbidlu ismijiet ta' toroq għax dan jikkawża ħafna problemi għar-residenti u ssuġġerrixxa li nistennew sakemm ikollna toroq ġodda.

Anthea Sacco proponiet li Ġnien Nicolò Communet jissemma għal Daniel Farrugia u ċ-Ċentru Ċiviku fejn ser jiġi l-Kunsill jissemma' għal Carmel Falzon.

Filwaqt li Karmenu Farrugia astjena milli jikkummenta minħabba konflitt ta' nteress, il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u kellna nibgħatu din it-talba lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq.

**19.07** **Sponsorship ta' Notice Board**

19.07.01 Is-Sindku qal li kien tkellem mas-Sur Fenech u mal-MTA dwar id-3D notice board u li dawn qablu li ningħataw sponsorship biex din issir. Is-Sindku qal li qed jipprova li jsiru 2, waħda fil-pjazza u l-oħra Wied iż-Żurrieq.

19.07.02 Karmenu Farrugia qal li n-notice board li hemm fejn il-Knisja għandha tinqala għax kollha mżadda. Is-Sindku propona li din tinbidel.

19.07.02 Anthea Sacco semmiet l-arma ta' Triq iż-Zurrieq li kellha tinbidel għax ma tidhirx. Is-Sindku qal li din kienet ordnata u li ser tinbididel.

**19.08** **Drenaġġ f'Wied iż-Żurrieq**

19.08.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol kien miexi sew u li kien għad baqa' 2 pump rooms xi jsiru.

**19.09** **Wirja ta' karozzi Die Cast**

19.09.01 Dan il-punt ġie maqbuż minħabba l-fatt li kien diġa' ġie diskuss f'punt 19.04.

**19.10** **'Bonġu Malta'**

19.10.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li 'Bonġu Malta' kien ser isir fl-24 ta' Mejju 2026.

**19.11** **Triq it-Tabib Gregorio Mifsud**

19.11.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm ix-xogħol inbeda, il-kuntrattur waqaf biex mar f'lokalita' oħra. Hu qal li kien ilmenta mal-Infrastructure Malta. Qal ukoll li kienu sabu rimedju għad-dislivelli tal-bankini u l-Enemalta għaddew il-cables għad-dawl tat-triq.

19.11.02 Marion Parnis semmiet li kellha xi lmenti dwar l-għeluq tal-għalqa privata li hemm f'din it-triq għax kienet qed tintuża għall-parkeġġ. Is-Sindku wieġeb li għalkemm din kienet għalqa privata hu ser jiċċekkja ma' sid l-għalqa u jekk ma jsibx oġġezzjoni tiġi mwittija u tintuża mir-residenti.

**19.12** **Ġieħ il-Qrendi u Jum il-Qrendi**

19.12.01 Wara proposta mis-Sindku, ġie deċiż li dan il-punt għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss biex inkunu nistaw niċċekkjaw ir-regolamenti għall-Ġieħ il-Qrendi.

19.12.02 **Affarijiet Oħra**

19.12.02.01 Is-Sindku semma' l-ġnien li qed isir bejn il-Qrendi u l-Imqabba. Hu qal li għalkemm Project Green kienu qed iżżommuna nfurmati b'li qed jiġri, dan il-ġnien jaqa' mal-konfini tal-Imqabba. Karmenu Farrugia semma' l-istorbju li qed ikun hemm waqt it-tħaffir. Is-Sindku qal li qed jippruvaw biex dan ix-xogħol isir matul il-ġurnata.

19.12.02.02 Is-Sindku talab biex tiġi ordnata s-sistema tal-live streaming tal-laqgħat.

19.12.02.03 Anthea Sacco semmiet talba għall-bozza fejn il-Ġnien tal-Kmand. Is-Sindku qal li dawn ser jinbidlu kollha għal LEDs u ma kienx hemm bżonn ta' oħra ġdida.

19.12.02.04 Anthea Sacco semmiet li xahrejn ilu kien sar qbil li ssir talba lill-Cleansing biex isir tindif madwar il-Qrendi. Hi qalet li ċċekkjat u ġiet infurmata li t-talba ma kinietx saret min-naħa tal-Kunsill. Karmenu Farrugia propona li tintalab laqgħa biex inkunu nistaw niddiskutu pjan biex dan isir. Is-SE kellha tieħu ħsieb biex din it-talba ssir.

19.12.02.05 Anthea Sacco tkellmet dwar id-dawl tar-roundabout. Hi qalet li kienet marret biex tbiddlu pero' r-remote ma kinietx taħdem. Qalet li fuq inizjattiva tagħha kienet kellmet lil ta' Ambjent Malta u wegħduha li ser jieħdu ħsieb li tinbidel is-sistema kollha u jsir kollox ġdid.

19.12.02.06 Marion Parnis tkellmet rigward talba għal speed bump bl-asfalt fi Triq Monsinjur Gużeppi De Piro. Is-Sindku qal li meta kienet saret, din inqalat għax kienu lmentaw li qed toħloq inkonvenjent meta tagħmel ix-xita. Is-Sindku ssuġġerixxa li, peress li Transport Malta jkunu jridu li aħna nissuġġerixxu fejn din trid issir, nibgħatu lir-residenti u nitolbuhom jibgħatulna s-suġġerimenti u l-kummenti tagħhom.

19.12.02.07 Nina Skye Briffa infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill tat-Tfal li issa għalaq sena, baqa' għaddej normali u li qed jiltaqa' fiċ-Ċentru.

19.12.02.08 Nina Skye Briffa semmiet il-ħajt tas-sejjieħ li ċeda u li qiegħed ta' periklu f'Ħaġar Qim. Is-Sindku wieġeb li kif jinħatar is-Surġent il-ġdid ser ikellmu biex jieħu l-passi meħtieġa għax apparti dak hemm oħrajn f'żoni oħra.

19.12.02.09 Nina Skye Briffa qalet li hemm bżonn isir xi ħaġa fl-istage tal-ġebel li hemm faċċata tal-Klabb tal-Boċċi għax hemm min qed jagħmel il-bżonnijiet tiegħu fih u ma tissaportix ġo fih. Is-Sindku qal li dan kien ser jinbidel minn Faces imma ma jafx meta. Nina ssuġġeriet li nagħmlu xi cctv cameras.

19.12.02.10 Anthea Sacco qalet ukoll li hemm bżonn li jinbidel il-board tal-iskeda tal-ħinijiet li hemm fejn l-istage ta' Triq il-Kartaġiniżi. Ġie deċiż li nagħmlu talba lil Public Transport biex dan jinbidel.

19.12.02.11 Nina Skye Briffa ssuġġeriet li ssir group chat bejn il-kunsilliera u s-SE biex meta tkun ser issir xi attivita' fil-kommunita' kulħadd ikun jista' jinforma lil xulxin. Is-SE kellha tieħu ħsieb li din issir.

19.12.02.12 Nina Skye Briffa tat rapport fuq l-esperjenza tagħha fi Brussels u qalet li kienet esperjenza sabiħa.

19.12.02.13 Karmenu Farrugia talab biex tibda titla' link tal-laqgħa fuq il-Facebook tal-Kunsill biex min ikun irid, ikun jista' jara l-laqgħa. Is-SE qalet li minħabba li fil-preżent is-sistema tal-online streaming mhux qed tiffunzjona, għandna nistennew sakemm ikollna s-sistema taħdem.

19.12.02.14 Karmenu Farrugia staqsa dwar żvilluppi fil-Berġa. Is-Sindku wieġeb li fuq talba tal-Primary Health Care, il-kuntrattur intalab jagħmel ventilatur u kif dan ikun lest, ikunu jistaw jieħduha f'idejhom. Anthea Sacco saqsiet jekk hux ser tkun tista' tinfetaħ sal-aħħar tas-sena. Is-Sindku wieġeb li tal-Primary Health Care applikaw għall-compliance certificate u jekk dan joħroġ u jkun hemm provista tad-dawl u ilma, din tkun tista' tinfetaħ.

19.12.02.15 Karmenu Farrugia staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-librerija. Is-Sindku qal li għad hemm nuqqas ta' qbil fil-ftehim ta' bejn ir-Reġjun u l-Libreriji u li din għadha ma solvietx. Is-Sindku qal ukoll li kien għaddej b'diskussjonijiet ma' tal-Malta Libraries biex din tiġi solvuta mill-aktar fis. Marion Parnis issuġġeriet li għandha tinħareġ sejħa għal dan il-post.

## 19.13 Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Statements Q3/2025

19.13.01 Wara li dan ir-rapport ġie diskuss mal-Accountant tal-Kunsill, dan ġie approvat unanimament.

19.13.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li għandna problema fuq l-għotja tat-tender tal-accountant li kien għadu pendenti. Ġie ssuġġerit li jekk ikun hemm il-bżonn, għandha tintalab kwotazzjoni sakemm jinħareġ tender ieħor.

## 19.14 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti u Petty Cash

19.14.01 L-Iskeda tal-Pagamenti (Laqgha 19) u l-Petty Cash tax-xahar ta' Ottubru ġew approvati unanimament. Dawn ġew iffirmati minn Anthea Sacco (Proponent), Karmenu Farrugia (Sekondant), mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 19.15 Għeluq tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss

19.15.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 16 ta' Diċembru, fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| David Michael Schembri | Rachel Aquilina |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |